KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 5** **It- Tlieta 27 t' Awwissu 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi-Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech - Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Aiken Zerafa – Kunsillier

**ASSENTI:**
Maria Pia Bonnici - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
L- Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra t' apoloġija tal- Kunsillier Zerafa.

## 5.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 2,3,4

5.2.1 Korrezzjonijiet Minuti numru 2

2.3.6 Proġect Green

Is-Sindku informa lill-membri preżenti li kien hemm laqgħa mal-Proġect Green li kien preżenti l-Kunsillier Grech, u fejn kienu saru xi emendi lill-Pjanti u disinni oriġinali fejn il-membri preżenti fil-laqgħa għamlu enfasi li jiġu nklużi xi *bathrooms* f'dan il proġett sabiex jitgawdew mir-residenti. Issemmiet ukoll il-possibilità' li dawn ikunu jistgħu jintużaw b' somma ta' ħlas nominali, sabiex jinġabru xi fondi mill-Kunsill u jintużaw sabiex tinżamm l-indafa. Il-Kunsillier Grech qal li minn tal-anqas, jekk m'humiex ser jsiru mill-Proġect Green, il-Kunsill għandu jingħata biċċa mill-art dovuta għall-proġett sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmilhom apparti.

2.4.2 Kunsillier Grech – Flus biex jinġabru

Il- Kunsillier Grech semma li hemm xi flejjes li għadhom ma nġabrux mingħand l-Awtorità' tal- ippjanar f'isem id-*Development Planning Fund*; u li huwa sta għall-Kunsill li jinġabru dawn il-flus għaliex jekk ma jinġabrux jiġu li jkunu ħarġu mill-Kunsill. Is-Sindku semma illi din l-problema setgħet seħħet minħabba li l-applikazzjoni biex jinġabru l-flus intbagħtet jumejn tard. Il-Kunsillier Grech qal li jekk l-Awtorità' tal-Ippjanar m'humiex ser jaċċettaw l-emendi u jirrilaxxaw l-fondi minħabba li kienet saret *change-in-request* fuq l-*Outdoor gym* ikun minħabba li l-*claim* tkun daħlet tard. Rigward il-Proġetti tal-*Outdoor Gym*, ż-Żokrija u Ġnien Grognet de Vasse, għad iridu jiġu konfermati l-accounts mal-Accountant ta' eżattament xi tħallas u x' baqa', sabiex jingħalqu l-kontijiet u *invoices*.

2.4.11 Għajnuna lill-ħwienet fi Żmien il-Festa

Il-Kunsillier Grech staqsa hux il-Kunsill ser ifittex ħlasijiet mingħand il-ħwienet fiż-żmien tal-Festa. Il-Viċi Sindku Cassar qal li l-Kunsill m' huwiex f'pożizzjoni li ma jirċevix ħlasijiet, allura ser ikun hemm ħlasijiet.

2.5.1 Sitwazzjoni finanzjarja – Daniel Galea

L- Accountant beda billi jgħid li hemm xi Works Orders għadhom iridu jinħadmu għall-proġezzjoni sal-aħħar ta' Ġunju (*2nd quarter*). L- Accountant għandu bżonn din id-data sabiex jkun jista' jpinġi stampa ċara tal-accounts. Baqa' madwar €73,000 fil-kont tal-Kunsill, li huma stmati li jkopru l-pagi tal-ħaddiema minn Lulju 2024 sa' Settembru 2024. Il-Kunsillier Grech semma li l-Kunsill qiegħed jistenna l-allokazzjoni li stmata tidħol bejn l-aħħar ta' Settembru u l-bidu t'Ottubru. Il-Kunsillier Grech talab li jsir rendikont ta' kemm hemm *Works Orders* li ħarġu, u liema minnhom x-xogħol għadu ma sarx, sabiex dan jiġi kwantifikat. Il- Viċi Sindku u s-Sindku mmarkaw li jixtiequ l-kwantifikazzjoni tal-valur ta' dawn il-*Works Orders* sabiex jingħalaq is- *2$^{nd}$ Quarter*. Issemmiet li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jsir *Interim Audit* sabiex ix-xogħolijiet li saru u l-istatus tal-Kunsill sal- aħħar ta' Ġunju ikunu kwantifikati u evalwati. Il-Kunsillier Grech ippropona sabiex il-pagamenti li hemm mit-tmiem ta' Ġunju, jiġu

magħqudin mat-*3rd Quarter* sabiex is-*2nd Quarter* jingħalaq. L-Accountant tal-Kunsill Daniel Galea qal li ma jistax jgħaqqad is-*2nd Quarter* mat- *3rd Quarter* minħabba li bdiet leġislatura ġdida.

5.2.2 Aġġornamenti dwar Minuti numru 2

2.3.1 Ittra elettronika – Ta' Alwan 23/07/2024

Ma kien hemm ebda żvilupp f'dan ir-rigward, ħlief fejn li l-Kunsillier Grech stqarr li l-ilment fejn tidħol il-problema tal-iskart tal-Alwan, m'huwiex l-unika każ. Fis-sajf speċjalment, qed ikun hemm ilmijiet li jitħalla bħala *byproduct* tal-boroż tal-iskart; irid ikun enfasizzat li l-iskart jitpoġġa fil-kontenituri sabiex din il-problema tiġi evitata.

2.3.2 Ittra elettronika mingħand il-Kunsillier Agius Decelis - TMC

Il-Kunsillier Decelis reġa' stqarr li ma jixtieqx jibqa' fit-TMC minħabba li m'għandniex riżorsi kbar fil-Kunsill, u allura jkun xieraq li jkun hemm membri bħall-Kunsillier Grech fit-TMC, li kellhom esperjenzi f' immaniġġjar tat-traffiku fi żmienu bħala Sindku. Is-Sindku qal li jixtieq jkun TMC ġdid. Il-Viċi Sindku qal li m'hemmx liġi li għandu jinżamm numru speċifiku ta' rappreżentazzjoni tal-minoranza (jew tal-maġġoranza) fejn jidħol it-TMC, u infatti jista' jkun hemm membri li mhumiex eletti fil-Kumitat. Is-Sindku qal li ser jagħmel evalwazzjoni mill-ġdid sabiex ikun stabbilit l-mod l-quddiem.

2.3.3 Progressjoni ta' Salarji tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali – Ramona Calleja

Ma kien hemm bżonn ebda intervent supplementari fuq dan is-suġġett.

2.3.4 Progressjoni ta' Salarji tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali – Aaron Debono

Ma kien hemm bżonn ebda intervent supplementari fuq dan is-suġġett.

2.3.5 Laqgħa introduttorja mal- ERA

Ma kien hemm ebda żvilupp sostanzjali fuq dan is-suġġett, apparti li l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin mill-awtoritajiet ikkonċernati.

2.3.6 Proġect Green

Ma kien hemm ebda żvilupp fuq dan is-suġġett.

2.3.7 Sistema ta' *Drip Irrigation* (Ħdejn Cauchi) – Rapport ta' Ħsarat

Ma kien hemm ebda żvilupp fuq dan is-suġġett.

18:30 Daħal għal-laqgħa il-Kunsillier Buhagiar.

2.4.1 Jum il- Mosta

Il-Viċi Sindku stqarr illi l-attività ta' Ġieħ il- Mosta ser issir fis-16 ta' Settembru fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u fejn ser jiġi pprovdut trasport mill- Pjazza sa Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Il-Viċi Sindku semma li l-proċess li jmiss huwa l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet ta' Ġieħ

il-Mosta, jew tar-Rikonoxximent li ser jsir fit - 3 ta'Settembru; filwaqt li l-applikazzjonijiet jagħlqu nhar il- Ġimgħa, 30 t' Awwissu f' Nofsinhar preċiż. Il-Kunsillier Decelis staqsa huwiex possibbli li jsir xi forma ta' *Live Streaming* ta' din l-attività eż. *Facebook live*; is-Sindku u l-Viċi Sindku qali li ser jaraw huwiex possibbli.

2.4.2 Kunsillier Grech – Flus biex jinġabru

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser jaħdem mal- *Accountant* tal- Kunsill sabiex jingħalqu l-kontijiet tas- *2nd Quarter*, minħabba li d-DGL bagħat notifika ta'stedina lill-Kunsill fuq l-*Unaudited Financial Statements* tat-2023 minħabba li l-Kunsill għalaq is-Sena 2023 b'defiċit. Il-Kunsillier Grech qal li jixtieq lista tal-Works Orders tax-xogħolijiet li huma lesti u għadhom ma ntbagħtux l-*invoices*. Il-Kunsillier Grech staqsa jistax ikun preżenti għal din il-laqgħa mad-DGL. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser ifittex kjarifika mingħand id-DLG, u m'għandu l-ebda problema li jattendi l-Kunsillier Grech, speċjalment peress li l-kontijiet li ser jiġu diskussi, jinvolvu l-leġislatura fejn hu stess kien Sindku.

2.4.3 *Tenders*

Ser issir laqgħa bejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-konsulent tat-*tenders* sabiex jsir *handover* ta x'hemm tenders pendenti. Wara li l-konsulent jagħti r-rendikont tiegħu, jiġi nfurmat il-Kunsill.

2.4.4 Permess ta' Sqaq Britannja

Ma kien hemm ebda żvilupp fuq dan is-suġġett.

2.4.5 Festa

Il- Kunsillier Grech semma li sar iż-żmien fejn il-Kunsill għandu jikkunsidra li isir ħlas mingħand tal-gabbani sabiex jinġabru l-flus għat-tindif; speċjalment meta tikkunsidra l-ammont sostanzjali ta skart li jiġi ġġenerat. Is-Sindku, f'isem il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lir-Reġjun Tramuntana talli għen lill-Kunsill b'konteniturі tal-iskart li ġew mislufin fi żmien il-Festa. Il-Kunsillier Decelis staqsa hux jista' isir xi tindif u tneħħija taċ-*chewing gum* miż-żona tal-Pjazza. Il-Kunsillier Grech qal li jeżistu makkinarju speċjalizzat li jdewweb iċ- *chewing gum* però jiswa ħafna flus. Il-Kunsillier Grech, u l-Viċi Sindku qablu rigward il-punt li jridu jsiru reviżjonijiet tal-pjanijiet tal-gabbani, u l-permessi li jingħataw, filwaqt li jiġi maqbul mod kif dawn ir-regoli ser jiġu infurzati mill-Pulizija u/jew mal- uffiċjala tal-LESA.

2.4.6 *Dog bins*

Il-Kunsilliera Bayliss qalet li għamlet riċerka fuq tip ta' *Dog Bins* ġodda sabiex ikunu potenzjalment iktar effettivi; il-Kunsilliera pprovdiet xi kwotazzjonijiet. Il-Kunsilliera Bayliss semmiet illi dan id-disinn partikolari ta *Dog Bins* jiswa madwar €300 il-wieħed. Il-Kunsillier Grech qal li hemm mijiet ta *Dog Bins* mifruxin madwar il-Mosta, u qal li jippreferi li jsir xi tip ta' pjan li jiġu użati d-*Dog Bins* li huma preżentement installati b'mod aħjar. Il-Kunsillier Decelis żied li jekk għandna bżonn *Dog Bins*, il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għat-tenders fejn ikun jista' jakkwista l-aħjar prezzijiet peress li probabbilment ikollna bżonn kwantità kbira.

2.4.7 Tindif

Ma kien hemm bżonn ebda intervent supplementari fuq dan is-suġġett peress li kienet tirrigwarda l-Festa.

2.4.8 *Animal Welfare*

Ma kien hemm ebda żvilupp fuq dan is-suġġett.

2.4.9 *Central strips* tal-Pjazza u Ġnejna Mustija

Ma kien hemm bżonn ebda intervent supplementari fuq dan is-suġġett peress li kienet tirrigwarda l-Festa.

2.4.10 *Culverts*

Is-Sindku qal li ser ikollu laqgħa ma min hu nkarigat u dawk il-c*ulverts* li huma fir-remit tal-Kunsill ser jibdew jiġu mnaddfa min-nhar it-Tnejn, jiġifieri fit-2 ta' Settembru 2024.

2.4.11 Għajnuna lill-ħwienet fi Żmien il-Festa

Ma kien hemm ebda żvilupp fuq dan is-suġġett ħlief il-korrezzjonijiet provduti mill-Kunsillier Grech iddettatljati f' sezzjoni 5.2.

2.4.12 Knis u tindif

Ma kien hemm bżonn ebda intervent supplementari fuq dan is-suġġett peress li kienet tirrigwarda l-Festa.

2.4.13 Masterplan matul is-Sena MTA

Il-Kunsillier Grech stqarr kien hemm qbil mal- MTA li l- Kunsill irid jiġbor id-dokumenti mingħand is- sidien tal- ħwienet sabiex issir *masterplan* tal- imwejjed u siġġijiet. Is- Sindku qal li l-Kunsillier Zerafa ser jiċċekja mal- Perit tal- Kunsill fejn ser isir dan l-eżerċizzju ta' studju sabiex imbagħad ssir il- *masterplan*, fejn imbagħad sidien ta' negozji kurrenti u ġodda, jkunu konformi mal- istess *masterplan*.

2.5.1 Sitwazzjoni finanzjarja – Daniel Galea

Aġġornament imniżżel f' sezzjoni 5.2 bħala parti mill-korrezzjonijiet ta' Minuti numru 2.

2.5.2 Ġieħ il- Mosta

Il-Kunsillier Grech staqsa hux min jiġi skwalifikat f'sena partikolari, jkun jista' jerġa japplika s-sena ta' wara? Il-Viċi Sindku qal li jista' jiġi nominat s-sena ta wara. Il-Viċi Sindku stqarr bħala punt ta' prinċipju, li m'għandux ikun il-każ li jkun hemm individwi "jiġru wara l-medalja". Il- Kunsillier Decelis qal li l-Kunsillier Grech staqsa mistoqsija dwar jekk min in-nomina tiegħu anqas waslet fuq il-mejda t'evalwazzjoni minħabba li jkun ġie skwalifikat, jkunx jerġa jista' jiġi nominat s-sena preċedenti. Il-Viċi Sindku reġa' ikkonferma li iva, ikun jista' jerġa jkun nominat.

Il-Viċi Sindku semma li trid tiġi miżjuda sezzjoni fl-applikazzjoni ta' Ġieħ il-Mosta li nominazzjoni li tkun diġà evalwata ma tibqax valida għas-sena ta' wara konsekuttiva. Jiġifieri nominazzjoni fuq isem partikolari f'sena partikolari, ma tkunx valida għas-sena ta wara. Dawn il-punti msemmija jirreferi għal sezzjonijiet Q u R. Il-Kunsillier Decelis ikkonferma illi nomina li ma tkunx ġiet evalwata tista' terġa toħroġ is-sena ta wara.

5.2.3 Minuti numru 3

Minuti numru 3 kienu approvati nem. con. mingħajr ebda korrezzjonijiet.

5.2.4 Minuti numru 4

Minuti numru 4 kienu approvati nem. con. mingħajr ebda korrezzjonijiet.

## 5.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku

5.3.1 Ġnien Carmelo Dimech

Dan il- ġnien kien inawgurat il-ġurnata ta'qabel, t-Tnejn 26 t'Awwissu. Il-Viċi Sindku staqsa rigward kif ser isir l-manutenzjoni peress li huwa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Grech qal li lir-resident, ma tagħmillu l-ebda differenza jsirx il-manutenzjoni mill-Kunsill jew mill-Gvern Ċentrali, li ma dan il-Kunsilliera qablu. F'dan ir-rigward, ser issir laqgħa mal-Ambjent Malta sabiex naraw kif ser isir dan il-manutenzjoni. Il-Kunsillier Grech semma li l-Kunsill għandu jesplora jistax ikun hemm żieda fl-allokazzjoni sabiex tirrifletti ż-żieda fl-ispejjeż tal-Kunsill minħabba dan il-manutenzjoni miżjud. L-ideja fuq l-applikazzjoni ta' ċertu żoni għal *Tourism zones* ssemmew peress dan l-istatus jiġġenera iktar flus mill-allokazzjoni. Il- problema li ġiet identifikata kienet li l-maġġoranza tat-turisti ma jkunux jirrisjedu il-Mosta stess.

5.3.2 Triq Don Alvaro De Sande

Is-Sindku qal illi x-xogħol huwa lest, u jrid isir studjat jistax isir parking ġdid minn Triq il-Wied għal Triq Don Alvaro De Sande u Triq Patri Avertan Fenech. Il- Kunsillier Grech qal li irid din iż-żona trid tkun diskussa fit-TMC, speċjalment peress li hemm żoni ta' *one ways* fejn jista' jkun hemm ameljorazzjoni fil- *flow* ta' traffiku. Is- Sindku staqsa lill- Perit tal- Kunsill biex dan jiġi studjat.

5.3.3 Casa Arkati

Huwa magħruf li hemm problemi bit-*Traffic Lights* ta' Casa Arkati. Għat-tiswijiet, kienu kkuntattjati Transport Malta u Enemalta. L-Enemalta qalu li għadhom iridu joħorġu tender biex jsiru t-tiswijiet neċessarji. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ser tinżebaħ *zebra crossing* temporanjament sabiex il-persuni mixjin ikunu jistgħu jaqsmu b'mod iktar sigur. Il- Kunsillier Decelis talab sabiex issir *bus stop* li sservi minn Casa Arkati għal-Pjazza tal- Mosta. Il-Kunsilliera qalu li f'dik ż-żona, partikularment fejn hemm il-Gym, hija problema peress li t-Triq tiġi dejqa u jinżamm it-traffiku bil-waqfien b'tal-Linja. Dan apparti l-fatt li hemm diġà *bus stops* li jservu qrib tal-post imsemmi. Is-Sindku u l- Kunsillier Grech qablu li soluzzjoni possibbli tkun li jsir *bus stop* mingħajr xelter quddiem l- Alu. Care. Madankollu, kien hemm

qbil li dan il- *bus stop* jibqa fejn hu sabiex il-Kunsill jesplora l-possibbiltà li jsir *bus shelter* minflok.

5.3.4 Skeda ta' Żoni problematiċi ta' ħamiem.

Is-Sindku qal li ser jiġbru informazzjoni mingħand ir-residenti fejn il-Kunsill ser jidentifika z-zoni mir-residenti u ssir mappa taż-żoni problematiċi. Il-Kunsillier Decelis u l-Kunsillier Grech stqarru li din m'hijiex soluzzjoni sostenibbli, u minflok il-Kunsill irid jikkunsidra metodi iktar permanenti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li r-Reġjun Tramuntana qiegħed jiġbor il-*feedback* mingħand l-Kunsilli rispettivi, li direttament jikkonċernaw żoni problematiċi ta' Ħamiem u Ġrieden; u dawn għandu jkun ikkomunikat mar-Reġjun.

5.3.5 Żoni St Margherita, Triq Callus u Grognet de Vasse

Is-Sindku nforma lill-Infrastructure Malta peress li kważi żmien l-iskola u għad hemm ħafna xogħol li jidher li baqalu ħafna. Il-Kunsillier De Martino qal jkunx possibbli jekk jinħelsu l-bankini jekk it-toroq baqa' ħafna li jitlestew, sabiex l-istudenti ikunu jistgħu jimxu b'iktar sigurtà . Il-Kunsilliera Portelli qalet li fejn l-iskola *Lilly of the Valley* hemm bżonn isiru xi xogħolijiet ta' patching minħabba li jispiċċa max-xita.

5.3.6 Ħasil tal-Pjazza

Is-Sindku semma li l-Pjazza ser tibda tinħasel, speċifikament fejn hemm il-paviment.

5.3.7 Triq is- Sgħajtar

Is-Sindku qal ser ikomplu x-xogħolijiet fuq il-bankini u drenaġġ però għadna ma nafux meta ser titlesta. Il-Kunsilliera Bayliss semmiet li hemm xi problemi fir-rigward ta' bankini li m'humiex aċċessibbli.

5.3.8 Żona ta' Mliet

Il-Kunsillier Decelis qal li hemm xi tabelli li kellhom jitneħħew però ma għadhom ma tneħħewx. Is-Sindku qal li hemm xi tabelli ma twaħħlux mill-Kunsill u qiegħed jara u jidentifika fejn hemm dawn it-tabelli li mhux suppost qiegħdin hemm, u li ser jitneħħew jew jiġu mgħottija.

5.3.9 Konsultazzjoni pubblika tal-għeluq u ftuħ tal-Pjazza

Is-Sindku qal li ser toħroġ l-iskeda aġġornata tad-dati għal-konsultazzjonijiet għar-residenti; ser jiġu ppublikati fuq il-Medja Soċjali.

5.3.10 Żona proġett tal- Isperanza (applikazzjoni PC/00045/23)

Is-Sindku qal li tkellem mal-Perit tal-Kunsill fuq applikazzjoni ta' żvilupp fiż- żona tal-Isperanza. Ma' dan, semma li hemm xi affarijiet li l-Kunsill irid jiddiskuti. Is-Sindku qara l-applikazzjoni proposta mill-Perit tal-Kunsill; id-diskussjoni żvolġiet. Il-Kunsillier Grech stqarr li l-proċess ta' *rationalisation* huwa eżerċizzju fejn wieħed ma jistax ma jaqbilx li ma jsirx il-bini; jiġifieri bir- *rationalisation* l-applikant qiegħed jingħata d-dritt li jibni, u allura l-

eżerċizzju għandu jkun rigward n-natura tal-iżvilupp, u mhux għandux isir bini jew le. Jiġifieri, il-Kunsill jista' ma jaqbilx mal-għoli tal-bini, jew affarijiet ta' din in-natura. Il-Kunsillier Grech qal li peress li dan applika għal bini "4 +1", u ta' maġenbu huwa "4+1", ma jsibx raġuni għalfejn m'għandux isir dan il-bini. Il-Kunsillier De Martino qal li kien il-parir tal-Perit tal-Kunsill kien kif intbagħat fil-komunikat diskuss u ppreżentat mis-Sindku. Il-Kunsillier Decelis staqsa hux hemm bażi soda fejn l-Kunsill ser jappella fuq il-possibilità ta' fdalijiet arkeoloġiċi. Il-Kunsillier Grech qal li l-Kunsill irid jikkonsidra l-estetika taż-żona, minflok dak li jkun jara appoġġ biss; kif ukoll reġa' stqarr li m'hemmx bażi soda fuq xiex il-Kunsill joġġezzjona. Il-Kunsillier Grech jixtieq ikun hemm *renders* sabiex jara l-*Block-plan* u *massing* ta' kif ser tidher minħabba l-estetika u l-viżwal. Il-Kunsillier Decelis qal li l-Kunsill għandu jara x'inhu fir-remit tal-kunsill sabiex ssir oġġezzjoni, u li jekk ssir din l-oġġezzjoni, għandhom isiru oġġezzjonijiet fuq proġetti simili. Il- Kunsillier Grech ma qabilx mal-*assessment* tal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Decelis stqarr li hemm bżonn ikun hemm sett ta' regoli sabiex il-Kunsill jimxi l-istess ma' kulħadd. Il-Kunsillier Grech, qal li b'din l-oġġezzjoni, il-Kunsill mhuwiex jimxi l-istess bħal-każijiet simili. Il-Kunsillier De Martino enfasizza li l-każijiet imsemmija mhumiex l-istess peress li dan il-proġett jinvolvi żona ODZ.

20:30 L- Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li baqa' nofs siegħa sabiex tintemm il-laqgħa.

Il-Kunsilliera qablu li ser ikun hemm *follow-up* mal-Perit tal- Kunsill, u jiġi rivedut id-dokument. Dan id-dokument rivedut ser jiġi mibgħut lill-Kunsilliera kollha u jaraw hux jkun hemm qbil bejniethom għandux jiġi sottomess dan id-dokument. Dan huwa ta' natura urġenti peress li kif indika s-Sindku, is-sottomissjoni tagħlaq nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu.

5.3.11 BOV change of Administrator

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jeremy Bartolo ippreżenta d-dokument sabiex jsir amministratur tal-kont tal-Bank of Valletta minflok s-Sinjura Lorraine Templeman. Il-Kunsill qabel nem. con. li s-Sur Jeremy Bartolo jsir amministratur tal-Kontijiet msemmijin, bil-poteri kif imniżżla fid-dokument imsemmi *Board Resolution* u **mehmuż f' anness 1.**

5.3.12 *Fixed Assets Register*

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il- *Fixed Assets Register* aġġornat lill-Kunsilliera fejn kien hemm oġġetti innumerati 90 sa 107. Kien hemm qbil nem. con. fuq il-*Fixed Assets Register* aġġornat.

5.3.13 Claim ta' Triq Patri Avertan Fenech – Sur Allen Venables

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta komunikat mingħand s-Sur Allen Venables fejn qiegħed jitlob kumpens mill-Kunsill. Is- Sur Venables stqarr li weġġa f' ħofra fi Triq "Patri Avertan Fenech". Il- Kunsillier Grech staqsa l-Kunsill għandux insurance biex jkopri *claims* ta' din in-natura. Is- Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser niċċekkjaw mal-avukat tagħna rigward dan il-każ, kif ukoll rigward l-insurance.

20:38 Il-Kunsilliera qablu nem. con li ser issir sospensjoni tal-laqgħa, fejn item 5.4 ser isir minnufih.

**5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

5.6.1 *Purchase Orders*

Il-Kunsilliera qablu nem. con. fuq il- *Purchase Orders.*

5.6.2 *Works Orders*

Il-Kunsillier Grech stqarr illi ma jaqbilx ma *works order* numru 2024-181. Ir-raġunijiet jinkludu li d-diżinjatur m'huwiex ser ikun il-Perit tal pjazza (Studjurban), u li infatti dan ir-"*re-design*" ser ikun mingħand perit ieħor. Il- Kunsillier Grech qal li ma jaqbilx ma din il-Works Order.

Il-Viċi Sindku enfasizza lis-Sindku li jridu jsiru Works Orders bil-Prezzijiet. Il-Kunsillier Grech stqarr li jrid lista tal-*Works Orders* li ħarġu u x-xogħol ma sarx.

5.6.3 *Petty Cash*

Il- Kunsilliera qablu nem. con. fuq il-*Petty Cash* relatat max-xahar ta' Ġunju u Lulju 2024.

**5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

5.4.1 *Rights Project* (Kunsilliera Bayliss)

Il- Kunsilliera Bayliss semmiet proġett li jinvolvu żagħżagħ bejn 6 u 16- il sena. Il- Kunsill irid joħroġ sejħa ta' żagħżagħ interessati u jiġbor lista ta' *mentors*. Il- Kunsilliera staqsew x'inhuma l-ispejjeż assoċjati ma dan il-proġett. Il-Kunsilliera Bayliss qalet li m'hemmx spejjeż. Kien hemm qbil nem. con. li għandha tesplora iktar dettalji biex iseħħ dan il-proġett.

5.4.2 Team tal- Basketball (Kunsillier Buhagiar)

Il- kunsillier Buhagiar semma li kien avviċinat minn persuna li uriet ħajra li tibda *team* tal-Basketball ta' tfal bejn 6 u 12 il-sena f'isem il-lokalità, u dan it- *team* jkun jismu "Mosta Basketball" jew "Mosta Saint Mary's Basketball Team". It-talba kienet lill-Kunsill, speċifikament jistax isib art fejn dan it-*team* jkunx jista' jiltaqa' jipprattika il-basketball f' "*Open Space*". Il -Viċi Sindku qal li l-persuna l-ewwel irid japplika bħala *Voluntary Organisation* (VO), sabiex ikun rikonoxxut. Min naħa tal-Kunsill, irridu naraw mal-iskejjel tal-Lokal jkunux jistgħu jgħinu b'xi mod.

5.4.3 Proġett – *Housing Estate* (Kunsillier Grech)

Il-Kunsillier Grech jixtieq permess mingħand il-Kunsill sabiex jitlob proġett fil- *Housing estate* mid- daħla tal- *Housing estate* minn Vjal l-Indipendenza għal Triq Freddie Micallef sal-Pjazzetta tar- *roundabout* u minn Triq it-Trinċetta sa Ġnien Kevin Vella, bil- *Planters* u/jew affarijiet simili. Il- Kunsillier Grech semma li jixtieq li ssir bankina ġdida magħmula minn materjal partikolari bħal porfido u/jew ġebel tal- Qawwi b' serje ta' siġar fejn possibli. Il-

Kunsillier Grech jixtieq il-permess mingħand l-kunsill biex iġib dawn il-fondi għal dan il-Proġett, mingħajr ebda spejjeż lill-kunsill. Kien hemm qbil mingħand il-Kunsilliera nem. Con. li l- Kunsillier grech jipproċedi b'dan il- proġett.

5.4.4 *Community Police*

Il-Kunsillier Grech staqsa fejn ser ikun l-uffiċju primarju tal- *Community Police.* Is-Sindku semma li kienu suppost sejrin iz- Zokrija minflok iċ-Ċentru Ċiviku. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, flimkien mas- Sindku għandhom laqgħa ppjanata mal- *Community Police* fejn dan ser ikun diskuss.

5.4.5 Dekorazzjonijiet tal-Milied (Charles Schembri)

Il-Kunsillier Schembri staqsa x'inhuma l-pjanijiet għad-dekorazzjonijiet tal-Milied.

## 5.5 Rapporti

5.5.1 *Update* Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta

Diġà diskussa f' punt numru 2.5.2. Ma kien hemm ebda punt ieħor x'jiġi miżjud.

5.5.2 *Development Planning Funds*

Kien hemm qbil nem. con. fuq iċ-ċart tad- *Development Planning Funds*.

## 5.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fid-20:59 pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-3 ta' Settembru 2024 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |